23 ta' Ġunju, 1955

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Maestà Tagħha r-Reġina *versus* Carmelo Buttigieg

**Perikolu tal-Mewt — *Relazzjoni tat-Tobba Esperti.***

*Il-perikolu tal-mewt jammetti ċerta gradazzjoni, li testendi ruħha minn perikolu remot għal perikolu ċar.*

*Meta t-tobba esperti fir-relazzjoni tagħhom ikunu qalu li l-ferut ġie espost għal perikolu ċar tal-mewt, ma tkunx qegħdha tiġi nvaża l-attribuzzjoni tal-ġurati; għax il-ġurati dejjem jibqgħalhom l-attribuzzjoni li jaċċettaw jew le dik il-fehma, salvo li, fil-formazzjoni tal-ġudizzju tagħhom, jagħtu l-piż li jixraq lill-kompetenza teknika tal-periti fiżiċi.*

*Għaldaqstant mhix aċċettabbli t-talba ta' l-akkużat biex mir-relazzjoni tal-tobba esperti jiġu mħassra l-kliem "jesponuħ għal perikolu ċar tal-mewt".*

Il-Qorti; — Rat in-nota ta' l-akkużat Carmelo Buttigieg, li biha eċċepixxa li fir-relazzjoni tat-tobba l-esperti — Dok. K — fit-tieni paragrafu, il-kliem "jesponuħ għal perikolu ċar tal-mewt", minħabba fil-frażi "ċar", jiġi mħassar, peress li hi attribuzzjoni eskluživa tal-ġurati li jiġġudikaw fuq dan il-fattur — attribuzzjoni li ma għandhiex tkun turbata jew prevenuta b'espressjoni simili;

Rat in-nota ta' l-Attorney General, li biha kkontesta l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża dwar l-inklużjoni tal-kelma "ċar" fir-relazzjoni ta' l-esperti mediċi, fol. 102 tal-kopja dattilografata tal-proċess: u dana għaliex dina l-espressjoni ta' opinjoni hija fil-kompetenza tipika tal-periti, salvo li l-ġurati jaċċettawha jew ma jaċċettawhiex;

Semgħet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-perikolu tal-mewt jammetti ċerta gradazzjoni, li testendi ruħha minn perikolu remot għal perikolu ċar. Din il-gradazzjoni fir-relazzjoni hi korrelatata ma' l-effett trawmatiku. Issa, l-istudju ta' l-effett trawmatiku hu materja ta' kompetenza teknika tal-periti fiżiċi;

Illi l-attribuzzjoni tal-ġurati mhix qegħedha bl-ebda mod tiġi nvaża, għax għall-ġurati jibqa' dejjem applikabbli l-prinċipju li huma jaċċettaw dik il-fehma—hux ċar jew le — jekk tkun konformi għall-persważjoni tagħhom, salvo li fil-formazzjoni tal-ġudizzju tagħhom jagħtu l-piż li jixraq lill-kompetenza teknika tal-periti fiżiċi;

Għalhekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tad-difiża.